**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 29 ta' Ottubru 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 105/2020 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 9 ta' Marzu 2020, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fis- 7 ta' Gunju 1999, Dok AD 2 u miz-zwieg kellhom tifla DEB li twieldet fis- 16 ta' Novembru 2001, li llum maggorenni;
2. Illi l-imsemmija konjugi infirdu minn xulxin b' kuntratt ta' soparazzjoni ppubblikat min-Nutar Dr. Liza Schembri fis- 16 ta' Gunju 2014 (Dokument DA. 1);

3. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta’ sperazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom  irregolaw inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu fl-ewwel lok irrinzjaw mid-drittijiet rispettivi taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin ( artikolu 2 tal-istess kuntratt), u fit-tieni lok kien ikkwantifikaw il-kontribut tar-rikorrenti lejn il-manteniment  ta’ bintu ( artikolu 9  tal-istess kuntratt);
4. Illi ma hemm ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti ;
5. Illi  ghalhek il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi  artikolu 66 B tal-Kap. 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt li l-konjugi hum separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, ma hux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi a tenur tad-disposizzjnijiet tal-artikolu 66 B tal- kap. 16, dina l-Onorabbli Qorti prevja s-smiegh tal-partijiet, mahsub fl-artikolu 66C tal-kap. 16 ukoll sabiex tigi stabbilita’  l-ezistenza ta’ dawk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi artikolu 66 B , tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi artikolu  66 C.

Bl-ispejjez.

**Il-Qorti rat** li fis-seduta tal-Hamis 29 ta’ Ottubru 2020, deher Dr. Leslie Cuschieri ghall-konvenuta li ddikjara illi l-istess konvenuta mhix qed topponi ghat-talbiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti kollha skond il-ligi ghall-ghoti tad-divorzju bejn il-partijiet.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**